# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Kevin Falzon**
**omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 469/2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Kevin Falzon**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 259273(M); u

**Omissis**

Akkuzati:-

1. Talli fit-13 ta' Settembru 2002 u fi zminijiet precidenti f'dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew dikjarazzjoni falza, jew certifikat falz.

2. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, jew xjentement ghamlu uzu minnha.
3. Talli fl-istess cirkustanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghif falz.

4. Talli fl-istess cirkustanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5. U aktar talli fl-istess cirkustanzi, iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

6. Talli fl-istess cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ittantaw jaghmlu qliegh ta' LM40,000 bi hsara tas-socjeta' assikurattiva Rausi Insurance Agency Limited u ohrajn, urew dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Emeritus Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 41(1)(a), 110, 185, 187, 188, 189, 308 309, 310 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-29 ta' Lulju 2019 il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u ddikjaraw li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

---

[1] A fol 103.

## Il-Provi Prodotti

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw allegat kaz ta' insurance fraud li sehh f' Settembru 2002.

Illi skond ma jirrizulta mid-depozizzjoni tal-Ispettur Joseph Cordina[2] fit-13 ta' Settembru 2002 l-imputat u certu Kevin Cassar[3] irrapportaw li fil-lejl ta' qabel kienet insterqet daghjsa ta' l-ghamla Sunseeker minn fuq il-bahar f' Wied il-Ghajn fejn kienet ankrata. Din id-dghajsa kienet inxurjata mas-socjeta Rausi Insurance Agency Limited ghas-somma ta' erbghin elf Lira Maltija (Lm40,000); id-dghajsa kienet giet inxurjata ma'l-imsemmija socjeta fit-28 ta' Frar ta' dik l-istess sena. Skond informazzjoni mghoddija lil Rausi fil-proposal form kien gie dikjarat li d-dghajsa kienet giet imanifatturata fis-sena 1998 b'numru ta' registrazzjoni estera 234098 u li kellha zewg makni BMW 364hp. Kien l-imputat li ha hsieb l-assigurazzjoni tad-daghsja. Fost dokumenti li l-imputat ta lil Rausi meta ghammelil-claim kien hemm ircevuta u ittra indirizzata lill-Water Police[4]; iz-zewg dokumenti kienu juru li d-dghajsa kienet inxtrat minn Kevin Cassar minghand certu Manuel Schembri. Mill-investigazzjoni li ghamel ix-xhud irrizulta li l-persuna imsemmija Emanuel Schembri kienet mietet fit-3 ta' Marzu 1999 u li huwa qatt ma kellu dghajjes kbar bhal dik in ezami; aktar minn hekk irrizulta li l-firma li suppost kienet ta' dan Schembri fuq dawn iz-zewg dokumenti ma kienitx taqbel ma firem propja tieghu. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija ta'l-imputat[5], print out mic-CBD li turi li Emanuel Schembri fil-fatt miet fid-data imsemmija[6]; u zewg dokumenti li juru l-firma ta' Emanuel Schembri[7].

Illi xehed PS475 Frank Cassar[8] li kkonferma li kien mar Kevin Falzon f'l-ghassa ta' Haz-Zabbar biex jirrapporta s-serq tad-dghajsa imemmija; huwa esebixxa l-PIRS report relattiv[9]. Ghandu jigi rilevat li fid-depozizzjoni tieghu PS475 jghid li l-imputat qallu li kien rabat id-daghjsa fil-bajja ta' Wied il-Ghajn ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fl-ghaxija u li l-ghada fil-ghodu ma kenitx hemm. Mill-PIRS report jirrizulta pero li l-imputat allega li kien halla d-dghajsa ankrata fil-bajja fit-12 ta' Settembru 2002 u li l-ghada fil-ghodu ma sabhiex u mar jirrapporta l-ghassa dak in-nhar fil-ghodu u cioe fit-13 ta' Settembru 2002.

---

2 Depoizzjoni a fol 15 et seq

3 Li fil-konfornt tieghu ittiehdu proceduri penali ukoll b'referenza ghal dan il-kaz.

4 Fot=traskrizzjoni hemm indikat li l-ttra hija indirizzata lil Walter Pulis pero huwa car li dan huwa zball fit-traSKRIZZJONI.

5 Dok KF a fol 28

6 Dok SE a fol 35.

7 Dok SE1 u SE2 a fol 15 u a tergo ta' fol 15.

8 Depozizzjoni a fol 22

9 Dok R a fol 33.

Illi xehed Malcolm Ellul, li kien jokkupa l-kariga ta’ manager tal-Marine Department ta’ Rausi Insurance[10]. Huwa jikkonferma li l-imputat kien inxurja dghajsa maghhom b’effett mill-1 ta’ Marzu 2002 u li fit-13 ta’ Settembru 2002 kien ghamel claim ghaliex allega li d-dghajsa kienet insterqet wara li halliha ankrata fil-bajja ta’ Marsascala. Meta ghamel il-claim huwa kien ghamel dikjarazzjoni dwar il-fatti tal-kaz. Ellul jghid li inizjalment l-imputat ma riedx jaghmel dikjarazzjoni pero huwa spjegalu li minghjar l-istatement ma setghetx tinfetah il-claim ghalhekk l-imputat akkonsentixxa; l-imputat iffirma d-dikjarazzjoni u l-claim form. Ellul jghid li l-imputat ma setghax jaghti informazzjoni bazika bhal kemm kellha diesel id-daghajsa; minn fejn kien jixtri d-diesel; fejn kienet registrata; jekk kenitx registrata fuq ismu jew haddiehor; u dettalji ohra. Meta beda jigi mistoqsi dawn il-mistoqsijiet l-imputat beda jghid li kien jippreferi kieku kien hemm Kevin Cassar prezenti mieghu[11]. Wara hamest ijiem sar meeting li ghalih kienu prezenti ix-xhud, zewg diretturi tas-socjeta Rausi: Jovin Rausi u Nigel Rausi, l-Avukat Dr Noel Bianco li kien inkarigat biex jistharreg il-claim, u l-imputat u Kevin Cassar. Meta l-imputat u Cassar bdew jigu mistoqsija hafna dettalji u dokumenti li jirrigwardaw id-dghajsa, talbu li l-meeting jieqaf u jitkompla fil-presenza ta’l-avukat taghhom. Huwa ftehmu li l-imputat u Cassar jigbru d-dokumenti rikjesti u meta jkollhom dawn id-dokumenti jinfurmaw lil Rausi biex tigi iffissata laqgha ohra fil-prezena ta’l-avukat; Rausi qatt ma regghu gew ikkuntattjati mill-imputat jew Cassar. Ix-xhud Malcolm Ellul kompla jispjega li fil-fatt huwa ghamlu ricerki u skoprew li kuntrarjament ghal dak li kien qallhom l-imputat:

- id-dghajsa b’l-isem Kiwi u numru ta’ registrazzjoni 234098 ma kenitx registrata l-Belt Valetta u lanqas ma kienet registrat l-Ingilterra.
- id-daghjsa ma setghax kellha magni BMW 360hp ghaliex il-BMW waqfu jaghmlu magni diesel fis-snin tmenin.
- id-dokument li l-imputat prezenta bhala contract of sale tad-dghajsa kien notifika lill-water police u tindika li giet mibugha lil Kevin Cassar u mhux lill-imputat.
- Fis-sena 1998 ma gewx manifatturati sunseekers tad-daqs tad-dghajsa in ezami.

Ix-xhud Malcolm Ellul prezenta l-file originali bid-dokumenti relattivi ghall-assigurazzjoni tad-dghajsa u l-claim maghmul[12].

Illi xehed ukoll Nigel Rausi[13] direttur tas-socjeta Rausi Insurance Agency Limited. Huwa spjega li meta kienu jidhlu cliams ta’ ammonti sostanzjali huwa kien jigi infurmat u hekk gara fil-kaz in ezami. Huwa ikkonferma li l-

[10] Depozizzjoni a fol 42.
[11] L-imputat spjega lil Ellul li Kevin Cassar kien ir-ragel t’ohtu.
[12] Dan il-file originali huwa esebiet fil-process Il-Pulizija vs Kevin Cassar u huwa esebiet bhala Dok A issigillat f’envelope. Kopja ta’ dan il-file hija esebita fil-proceduri odjerni.
[13] Depozizzjoni a fol 51.

involviment dirett tieghu kien l-attendenza ghall-meeting li nzamm ma' l-imputat u Kevin Cassar. Nigel Rausi ikkorrobora dak li qal Malcolm Ellul u wera l-istess thassib tieghu dwar l-verzjoni li kien qed jaghtihom l-imputat. Jghid ukoll li kienu huma li rriferew il-kaz lill-pulizija; spjega li meta persuna tmur biex taghmel assigurazzjoni huma ma jaghmlux verifiki dwar l-oggett li ser jigi inxurjat imma joqghdu fuq l-informazzjoni li jaghtihom il-klient.

Illi mis-socjeta Rausi Insurance Agency Limited tressaq ukoll ix-xhud Joseph Vincent Rausi[14]; huwa ikonferma l-istess dettalji li taw Malcolm Ellul u Nigel Rausi.

Illi tressaq ukoll bhala xhud John Farrugia in rapprezentanza tal-Malta Maritime Authority[15] li spjega li fir-registru tad-dghajjes iz-zghar m'hemm l-ebda dghajsa registarta b'l-isem Kiwi. Jghid ukoll li fir-registru tad-dghajjes il-kbar hemm zewg bastimenti kbar b'l-isem Kiwi pero mhumiex sunseekers. Aktar minn hekk jispjega li n-numru ta' registrazzjoni 234098 ma jistax ikun registrazzjoni fir-registru tad-dghajjes iz-zghar ghaliex in-numri ta' resgitrazzjoni ma jeccedux il-hmistax il-elf; u li r-registrazzjoni tal-bastimenti l-kbar humwa b'erbgha numri. Dan ix-xhud jghid li l-imputat kellu dghajsa registrata b'l-isem Orka u bin-numru ON5942 u din hija dghjasa ta' tip Maxum, fil-waqt li Kevin Cassar kellu dghajsa registrata b'l-isem Kayce bin-numru ON8268 u li kienet mibnija lokalment. Jghid ukoll li Kevin Cassar kellu dghajsa ohra registrata, jisimha Samantha, imma r-registrazzjoni taghha ma gietx imgedda.

Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet Dwar xi Provi Prodotti

Illi jibda biex jinghad li l-maggor parti ta'l-atti processwali, inkluz id-dokumenti esebiti, huma kopja. Dan peress li originarjament kien hemm kawza wahda kontra l-imputat odjern u Kevin Cassar pero wara li l-kawza regghet giet riappuntata ghas-smiegh[16] giet ordnata is-separazzjoni tal-gudizzju minhabba li Kevin Cassar baqa' ma giex notifikat.

Illi fost id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni hemm l-istqarrija ta'l-imputat[17]. Konformament mal-Ligi vigenti fil-perjodu meta giet rilaxxjata din l-istqarrija l-imputat ma inghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija jew li jkun assisiti waqt ir-rilaxx taghha. Skond gurisprudenza prevalenti il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija partikolarment

[14] Depozizzjoni a fol 94.
[15] Depozizzjoni a fol 72.
[16] Wara li kienet giet differita sine die minn din il-Qorti kif diversament prsjeduta.
[17] Dok KF  a fol 28.

meta tqis li ma jidhirx li kien hemm xi raguni impellenti li tiggustifika li l-imputat jigi mcahhad mid-dritt li ta' konsulenza legali[18].

Illi dokument iehor in atti l-file esebit minn Malcolm Ellul. Waqt l-udjenza mizmuma f'l-24 ta' Settembru 2003 id-difiza kkontestat l-ammissibilita ta' dan id-dokument[19].

Illi dan id-dokument huwa il-file originali ta' Rausi Insurance li fih hemm il-proposal form, il-claim form, id-dikjarazzjoni li ghamel Kevin Falzon fuq insistenza ta' Malcolm Ellul, korrispondenza u notamenti[20]. Uhud minn dawn id-dokumenti huma dawk li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet odjerni[21]. In kwantu dan il-file huwa dak originali, fis-sens li d-dokumenti hemm akkluzi huma id-dokumenti originali li ghandhom Rausi, zgur li jikkostitwixxi l-ahjar prova li setghet tigi prezentata. Dan ma jfissirx li kull dokument li hemm fil-file ghandu jigi accetat bhala prova ammissibbli in sostenn ta' l-imputazzjonijiet in ezami. Kull dokument irid jittiehed in konsiderazzjoni individwalment u jinghata dak il-valur probatorju opportun skond diversi cirkostanzi. Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li qed taccetta il-file bhala prova in atti, tirrizerva li taghti dak il-valur probatorju opportun lil kull dokument li jista' jkun relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in ezami.

Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li d-dikjarazzjoni li ghamel l-imputat fuq talba ta' Rausi biex jaghti dettalji in sostennn tal-claim tieghu ma tistax titqies bhala xi dikjarazzjoni rilaxxjata minn peruna suspettata u li ma tistax tintuza bhala prova kontra taghha jekk id-dikjarazzjoni giet rilaxxjata meta l-persuna suspettata ma nghatatx id-dritt li tikkonsulkta ma', jew li tkun assisstita minn avukat, qabel u waqt ir-rilaxx ta' tali dikjarazzjoni. Socjeta assikuratrici ghandu jkollha l-fakolta li meta persuna taghmel claim tiehu dawk id-dettalji li jidhrilha opportuni biex tkun tista' tivverifika jekk il-claim ghandhiex tintlaqa' jew le, u jekk iva x'ammont ghandu jithallas u lil min. Fil-fatt id-dikjarazzjoni li ghamel l-imputat hija annessa ma' u tifforma parti mill-claim form u t-tnejn huma datati 13 ta' Settembru 2002. Din id-dikjarazzjoni u l-claim form certament huma prova ammissibbli. Ma jidhirx li meta saret il-laqgha sussegwenti li ghaliha kien prezenti ukoll Kevin Cassar saret xi dikjarazzjoni bil-miktub mill-imputat.

## L-imputazzjonijiet

Ikkunsidrat

[18] Fil-verita l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda u ghalhekk ma qal xejn li jista jinkriminah.
[19] Ref verbal a fol 41.
[20] F'l-atti odjerni hemm kopja ta' dan il-file peress li l-original baqa esebit fil-process Il-Pulizija vs Kevin Cassar wara li saret is-separazzjoni tal-gudizzju.
[21] L-imputazzjonijiet kollha hlif ghall-hames wahda.

Illi permezz ta'l-ewwel erbgha imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'diversi instanzi ta' falsifikazzjoni u ta' uzu ta' dokument.

Illi l-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjah *falz materjali* kif ukoll 'l hekk imsejjah *falz ideologiku*. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali:

> *Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[22]

Illi f'l-istess kaz hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiko u il-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin '*non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero*.'

L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

> *Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[23]

Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:

> *Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be*

---

[22] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.
[23] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.

*itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[24]

Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad '*that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document.*"[25]

Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered*[26].

Illi permezz tal-imputazzjonijiet issa in ezami l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ravvizati f'l-artikoli f'l-artikoli 185, 187, 188 u 189 rispettivament.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Cordina, li kien l-ufficjal li investiga dan il-kaz u li inizjalment kien l-prosekutur fil-proceduri odjerni jidher li qed jibbaza dawn l-imputazzjonijiet fuq:

---

[24] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.
[25] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.
[26] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.

- Il-claim form li saret minhabba l-allegat serq tad-daghjsa u d-dikjarazzjoni formanti parti minn dik il-claim form.
- Il-proposal form li saret biex tigi inxuarjata dghajsa b'l-isem Kiwi[27];
- Zewg ittri minghajr data, wahda indirizzata lill-Water Police Station u ohra li mhiex indirizzata lil xi hadd specifiku, apparentement redatti minn Emanuel Schembri, peremezz ta' liema qed jinforma lid-destinatarju li kien trasferixxa dghasja ta' tip Sunseeker lil Kevin Cassar[28].

Illi mill-istess depozizzjoni ta'l-ispettur Cordina jidher li l-prosekuzzjoni qed tallega li meta l-imputat ghamel il-proposal form u l-claim form (u d-dikjazzjoni formanti parti minnha) u meta f'l-ewwel dokument imsemmi ta dettalji tad-dghajsa hemm indikata, u mbaghad fiz-zewg dokumenti l-ohra iddikjara li dik id-daghjsa insterqet, huwa iddikjara il-falz. Skond dak li qed tallega l-prosekuzzjoni, l-agir ta' l-imputat jista' jinkwadraw ruhu f'definizzjoni ta' falz ideologiku ghaliex fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata il-genwinita tad-dokumenti in ezami mhiex qed tigi kontestata; dak li qed jigi kontestat huwa l-kontenut ideologiku tad-dokumenti cioe id-dokument fis-sustanza tieghu ghaliex *non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero*.

Illi dwar id-dokumenti l-ohra fuq elenkati, u cioe id-dokumenti li jidher li ghandhom firma ta' Emanuel Schembri, l-prosekuzzjoni qed tallega li l-firma mhiex ta' Emanuel Schembri. Skond dak li qed tallega l-prosekuzzjoni l-eghmil ta'l-imputat fir-rigward ta' dawn id-dokumenti jista' jaqa' taht definizzjoni ta' falz materjali ghaliex fit-termini tal-gurisprudenza id-dokumenti in ezami mhux genwini ghax *il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga*.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-proposal form mill-provi processwali jirrizulta li meta l-imputat assigura id-dghajsa ma marx direttament ghand Rausi imma ghand agenti taghhom. Skond ma jghid Malcolm Ellul il-proposal form imtliet mill-agent u intbaghtet lilhom biex tinhareg il-polza. Fuq il-proposal form jidher li hemm firma ta' xi hadd Kevin Falzon li mhux identifikat bin-numru tal-karta ta' l-identita.

Illi ma ngiebet l-ebda prova ohra fir-rigward tal-proposal form, kif giet redatta u fil-prezenza ta' min. Fil-fatt l-agent li quddiem saret din il-proposal form mhux biss ma tressaqx biex jixhed imma lanqas biss gie identifikat. Konsegwentement, u la darba Macolm Ellul ma kienx prezenti meta saret dik il-proposal form, ma jistax jinghad li ngiebet l-ahjar prova li kien propju l-

[27] Din tifforma parti mill-file esebit minn Malcolm Ellul.
[28] Dawn l-ittri, ossia kopja taghhom, jiffurmaw parti mill-file esebit minn Malcom Ellul.

imputat li ta d-detalji li jidhru fil-proposal form u li l-firma li tidher fuq dak id-dokument ghamilha l-imputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-proposal form ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni bhala prova valida ta' xi dikjarazzjoni li ghamel l-imputat.

Illi l-istess ma jistax jinghad dwar il-claim form u d-dikjarazzjoni formanti parti minnha. Mill-atti jirrizulta minghajr dubbju li l-imputat mar ghand Rausi iltaqa' ma' Malcolm Ellul u fil-prezenza ta' Ellul l-imputat ghamel claim billi mtliet il-claim form u giet redatta dikjarazzjoni b'l-informazzjoni mghotija mill-imputat.

Illi permezz ta' dawn id-dokumenti l-imputat iddikjara li d-daghjsa b'l-isem Kiwi u bid-dettalji taghha hemm indikati, insterqet fil-lejl bejn it-12 u t-13 ta' Settembru 2002 meta kienet ankrata fil-bajja ta' Marsascala. L-imputat jghid ukoll li huwa xtara id-daghjsa fi Frar 2002 minghand Kevin Cassar[29] li da parti tieghu kien xtraha xi sebgha xhur qabel. Jghid li r-registration certificate kien fid-daghjsa u ma kellux kopja ohra. Jghid li ma jafx x'kienet il-kapacita tat-tankijiet tal-fuel, ma jafx kemm tikkonsma fuel, u x'velocita massima ghandhom il-magni; jghid ukoll (fost affarijiet ohra) li c-cwievet tad-daghjsa izommhom Kevin Cassar.

Illi minhabba n-nuqqas ta' informazzjoni li kellu l-imputat fuq id-daghjsa in ezami u minhabba n-nuqqas ta' dokumenti li juru li huwa verament kien sid ta' dik id-daghjsa Ellul beda jissuspetta u, fil-waqt li sar rapport lill-pulizija, beda jaghmel verifiki. Fil-kors ta' din "l-investigazzjoni" tieghu Ellul gie a konjizzjoni ta' diversi fatti, fosthom (kif diga ntqal aktar 'l fuq) li:

- id-dghajsa b'l-isem Kiwi u numru ta' registrazzjoni 234098 ma kenitx registrata l-Belt Valetta u lanqas ma kienet registrat l-Ingilterra;
- id-daghjsa ma setghax kellha magni BMW 360hp ghaliex il-BMW waqfu jaghmlu magni diesel fis-snin tmenin; u
- fis-sena 1998 ma gewx manifatturati sunseekers tad-daqs tad-dghajsa in ezami.

Ellul ghalhekk qed jallega li l-imputat ma seta' qatt kellu daghjsa kif iddeskriva fil-proposal form u fil-claim form u li konsegwentement ma jistax ikun li nsterqet xi daghjsa kif deskritta fil-claim form.

Illi mill-asserzjonijiet li ghamel Malcolm Ellul u li huma hawn fuq riprodotti wahda biss giet konfermata kif titlob il-Ligi u cioe dik dwar ir-registrazzjoni o meno tad-daghjsa in ezami. Fil-fatt dak li allega Ellul fir-rigward gie korroborat mir-rapprezentant tal-Malta Martime Authority. Ma ngiebet l-ebda prova in sostenn ta' dak li jallega dwar il-magni tal-BMW u l-manifattura ta

[29] Kevin Cassar dak iz-zmien kien gharus ta' oht l-imputat.

sunseekers fis-sena 1998. Dan pero ma jfissirx necessarjament li Ellul kien skorett fil-konkluzzjoni tieghu.

Illi l-Qorti fil-fatt hija obbligata li tezamina l-provi f'l-assjem taghhom. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kellux l-aktar informazzjoni bazika dwar id-daghjsa li taghha hu suppost kien propjetarju; ma kellu l-ebda dokument ufficjali dwar din id-daghjsa ghajr ghar-registration certificate li jghid li hallih fuq id-daghjsa. L-imputat mitlub jipproduci aktar informazzjoni u dokumenti inkluz xi ritratti tad-dghajsa ma produca xejn. Huwa inizjalment kien allega li hu ma kienx intiz fid-dghajjes u kien ihalli kollox f'idejn Kevin Cassar; pero meta ghat-tieni laqa' ghand Rausi huwa mar akkompanjat minn Kevin Cassar xorta ma kienux f'pozizzjoni li jaghtu informazzjoni dwar id-dghajsa. Mhux biss imma jirrizulta ukoll li wara din it-tieni laqa' l-imputat abbanduna l-claim tant li la baghat l-informazzjoni u d-dokumneti rikjesti waqt din it-tieni laqa u lanqas qatt rega' ikkomunika ma' Rausi biex jithallas ai termini tal-polza.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li ghalkemm id-dokumenti issa in ezami huma genwini fis-sens li ma ssubewx alterazzjonzijiet wara l-formazzjoni taghhom, xorta ma kienux *veridici perche' colui che li ha formati gli fa dire cose contrario al vero* u dan peress li permezz taghom l-imputat ghamel dikjarazzjonijiet foloz kemm meta allega li huwa kellu daghjsa registrata ma l-awtortajiet kompetenti u li din id-dghajsa insterqet. Konsegwentement l-agir ta'l-imputat inkwantu jirrigwarda il-formazzjoni ta' dawn id-dokumenti jaqa' f'definizzjoni ta' falz ideologiku.

Illi dwar iz-zewg ittri li l-imputat prezenta lil Rausi u li suppost huma iffirmati minn Emanuel Schembri[30] hemm diversi osservazzjonijiet x'jsiru. Jirrizulta li dawn l-ittri gew prezentati mill-imputat lil Rausi meta ghamel il-claim. L-ittri m'ghandhomx data pero Emanuel Schembri miet fit-3 ta' Marzu 1999 ghalhekk jekk dawk l-ittri verament irredigihom u ffirmahom Schembri bil-fors kellu jaghmel hekk qabel Marzu 1999. Mill-atti jirrizulta li l-imputat qed jallega li Kevin Cassar kien ilu propjetarju tad-daghjsa xi seba' xhur meta bejghha lilu; ma ngiebet l-ebda proa ohra in sostenn ta' dan. Schembri ma setghax jitressaq bhala xhud ghalhekk l-Ispettur Cordina prezenta zewg dokumenti[31] mghoddija lilu minghand iben Schembri f'tentattiv li juri liema kienet il-vera firma ta' Schembri. Pero iben Schembri ma tressaqx bhala xhud biex jikkonferma minn fejn gab id-dokumenti u li dik il-firma verament kienet ta' missieru. Aktar minn hekk ma sar l-ebda ezami komparattiv bejn dik il-firma li suppost hija ta' Schembri u dik il-firma li allegatament mhiex ta' Schembri u lanqas ma sar xi ezmi kompareattiv mal-kaligrafija ta'l-imputat.

---

[30] Li jiffurmaw parti mill-file esebit minn Malcolm Ellul.

[31] Dok SE1 u Dok SE2 li l-original taghhom qeghdin fil-process Il-Pulizija vs Kevin Cassar.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi zgur ma jistax jinghad li hemm xi prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-firem fuq id-dokumenti in ezami m'humiex ta' Emanuel Schembri u wisq anqas li l-imputat iffalsifika xi firma. Konsegwentement ma jistax jinghad li gie pruvat, b'referenza ghal dawk il-firem, li sar xi haga li jista' jinkwadra ruhu f'definizzjonzi ta' ta' *falz materjali*.

Illi in vista tas-suespost l-imputat qed jinstab hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet in kwantu dawn huma l-imputazzjonijiet li jirreferu ghal-falz ideologiku, u mhux qed jinstab hati ta'l-tieni u tar-raba imputazzjonijiet li jirreferi ghal falz materjali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghandu jinghad li fin-nota ta' rinviju ghal gudizju l-Avukat Generali jikkwota l-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma jiddistingwi bejn l-ewwel paragrafu u t-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu.

Illi l-artikolu 110 jipprovdi hekk:

> ***110.*** *(1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bilmod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*
>
> *(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, .....*

Illi l-ewwel paragrafu ta' din id-dispozizzjoni jipprovdi dwar il-kalunja reali[32] fil-waqt li t-tieni paragrafu jipprovdi dwar is-simulazzjoni ta' reat.

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputat gie addebietat biss bir-reat indikat fit-tieni paragrafu ta'l-artikolu 110 u cioe simulazzjoni ta' reat. Huwa ben stabbilit li *fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni*[33]. Ghalhekk huwa car li l-Qorti tista' biss tiehu in konsiderazzjoni l-artikolu 110 in kwantu

[32] Huwa l-artikolu 101 li jipprovdi dwar il-kalunja verbali.
[33] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001

jirreferi ghas-simulazzjoni tar-reat u cioe it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu tal-Ligi.

Illi r-reat issa in ezami, cioe is-simulazzjoni ta' reat, jinqasam fit-tnejn: simluazzjoni verbali (diretta) jew reali (indiretta). Is-simulazzjoni verbali tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx fil-waqt li s-simulazzjoni reali tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar. Ghalhekk l-element kostituttiv ta'dan ir-reat huwa l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li huwa qed jiddenunzja ma sehhx[34].

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) l-Professur Mamo jghallem hekk:

> *This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged .... The simulation may be either verbal or direct, or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and* ***the crime is completed by the presentation of such information report or complaint***[35]*, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ...... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.*
>
> *A real or indirect simulation would be had in the case of a person who, in order to make beleiev that he has suffered a theft, breaks the locks, leaves a ladder against the wall or in the building, or a false key in the keyhole, or disturbs and puts into disorder the things in his house, or devises other traces to give an appearence of reality to the simulated crime, in such a manner as to convince the police to proceed to the inquiry of the in genere and the discovery of the author of the supposed crime. According to Impollomeni the crime is completed when the traces falsely devised by the agent fall to the notice of the police.* [36]

Illi dwar meta jigi ikkunsmat ir-reat in ezami f'l-istess sens jghallem il-gurista Antolisei:

[34] Ref Il-Pulizija vs David Mizzi Mizzi Appell Kriminali decciz 16.02.1998
[35] Is-sottoliinear huwa kollu ta'din il-Qorti.
[36] Notes on Criminal Law pagna 59 et seq.

*Il delitto si consuma nel momento e nel luogo in cui e' stata ricevuta dall'Awtorita giudiziaria o da altra Autorita con obbligo di rapporto la falza denunzia o le simulate tracce sono state scoperte dall' Autorita stessa.*[37]

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat mar l-ghassa tal-pulizija biex jirraporta li daghjsa propjeta tieghu insterqet. Kif diga ntqal fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel erbgha imputazzjzonijiet mill-atti jirrizulta sodisfacjenement pruvat li l-imputat ma kienx propjetarju ta' dghajsa b'l-isem Kiwi u li ghalhekk ma setax sehh ir-reat li huwa irraporta lill-pulizija. Ghalhekk meta l-imputat mar jaghmel ir-rapport huwa kien qed jiddenunzja reat li jaf li ma kienx sehh u li konsegwentlement tirrizulta s-simulazzzjoni verbali.

Illi l-istess pero ma jistax jinghad ghas-simulazzjoni reali ghaliex ghalkemm l-imputat mar ghand il-pulizija biex jirrapporta is-serq tad-daghjsa mill-atti ma jirrizultax li huwa holoq xi tracci materjali li jistghu jingiebu bhala prova ta' xi reat.

Illi ghalhekk il-hames imputazzjoni tirrizulta biss in kwant tirreferi ghal simulazzjoni verbali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bit-tentattiv ta' truffa jew frodi innominata.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato ... Nella truffa ... l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*

[37] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagna 462.

*b) la causazione di errore, il quale ... deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[38]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

> *Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.*[39]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*
>
> *Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun*

[38] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[39] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*[40]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[41]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[42]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[43].

Illi stabbiliti dawn il-principji irid issa jigi determinat mill-provi prodotti jirrizultawx xi artifizi jew raggiri da parti ta' l-imputat li setghu inducu lil socjeta assikuratrici fi zball u li b'konsegwenza ta' dak l-izball kienet taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.

Illi mill-provi akkwezieti f'dan il-process m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kien hemm messa in xena. Dan ghaliex kif diga ntqal l-imputat mar ghand il-pulizija biex jiddenunzja rapport ta' reat li kien jaf li ma sehhx, u mbaghad ghand Rausi kompla jsostni dan ir-rapport falz b'dokumenti dubbjuzi u dikjarazzjonijiet ohra foloz. Dan l-ingann kien intiez biex jinduci lil Rausi fi zball b'mod li jhallsu l-ammont assigurat fil-polza meta dan il-hlas ma kienx dovut.

---

[40] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[41] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[42] Op cit pagna 356
[43] Op cit pagna 357

Illi bhala stat ta' fatt pero il-hlas ma lahaqx sar minn Rausi, fil-fatt permezz ta'din is-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bit-tentattiv ta' truffa.

Illi ai termini ta'l-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 biex ikun hemm tentattiv ta' reat iridu jigu pruvati dawn l-elementi essenzjali:

- Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat;
- Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt; u
- In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi ndipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi l-atti esterni huma l-atti preparatorji maghmula b'l-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Illi fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo:

> *To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation… So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.*

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat m'ghamilx biss atti preparatorji (ir-rapport lill-pulizija) imma beda l-esekuzjoni tad-delitt meta mar ghand Rausi u ghamel messa in xena: il-claim u dikjarazzzjoni in sostenn ta' dik il-claim u anke issottometta xi dokumenti.

Illi r-reat ma giex esegwgiet minhabba li Rausi giehom suspett dwar il-veracita tad-dikjarazzjonijiet li kien qed jaghmel l-imputat u ghalhekk talbu aktar dokumenti u informazzjoni in sostenn tal-claim. Jidher li kien f'dan l-istadju li l-imputat irrealizza li inqabad tant li waqqaf il-meeting li kien attenda akkompanjat minn Kevin Cassar u minn hemm iddecieda li ma jkompliex jinsisti fuq il-claim li kien ghamel.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi is-sitt imputazzjoni tirrizulta kif dedotta.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; u hadet in kondsiderazzjoni ukoll il-fatt li d-dikjarazzjonijiet foloz li ghamel l-imputat ma wasslux ghall-iskop li kienu intiezi u li fil-fatt Rausi ma soffrew l-ebda danni. Aktar minn hekk hadet in konsiderazzjoni d-dekors taz-zmien mid-data tar-reati sa'llum u l-fedina penali ta' l-imputat minn liema jirrizulta li mid-data tar-reati sa' llum l-imputat instab hati darba wahda biss ta' kontravvenzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, tar-raba' imputazzjoni u tal-hames imputazzjoni in kantu tirreferi ghal simulazzjoni reali u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 110(2), 185, 188, 308, 309 u 310(1)(a)[44] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal simulazzjoni verbali, u ghas-sitt imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ieor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinaarju l-impprt ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**

[44] U dak li kienu jipprovdi fid-data li sehhew ir-reati in ezami.